MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1110/1998/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**1. Marimina Company Limited;**

**2. Helen Eskander f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanta tat-tfal minuri taghha Jene u Ehab Eskander;**

**3. Dr Francesco Depasquale u PL Edgar Montanaro b'digriet ta' 8/2/2000 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapresentaw lill-eredita' giacenti tal-mejta Maria Theresa sive Maria Debono. B'digriet datat 31 t'Ottubru 2000 Helen Eskander giet nominata kurattrici ta' l-imsemmija eredita' minflok Dr. Francesco Depasquale u PL Edgar Montanaro.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-22 ta’ Mejju 1998 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta’ attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet “Loan Facilities” lill-konvenuta socjeta Marimina Company Limited.

Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta’ Marimina Company Limited fis-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, seba’ mija u hamsa u hamsin liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm22,755.98) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Marimina Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A17”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt in atti Nutar Mary Camilleri Cutajar tas-16 ta’ Awissu 1996 (Dok “B”), il-konvenuta Maria Theresa sive Maria Debono ggarantiet flimkien u “in solidum” mas-socjeta Marimina Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess socjeta Marimina Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ tlett ittri ufficjali datati 2 ta’ April 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “D”, Dok “E” u Dok “F”, sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta Marimina Company Limited, lil Helen Eskander f’isimha proprju u bhala legittima rapprezentanta tat-tfal minuri taghha Jene u Ehab Eskander u lil Maria Theresa sive Maria Debono

jhallsu flimkien u “in solidum” bejnithom lis-socjeta’ attrici s-

somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, seba’ mija u hamsa u hamsin liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm22,755.98) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Marimina Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A17”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 2 ta’ April 1998 u tal-Mandati ta’ Sekwestru li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Paul Gambina I.D. 817846(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fis-6 ta’ Novembru, 1998 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Fl-ewwel lok illi fil-konfront tal-konvenuti Jane Eskander u Ehab Eskander it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi mhuwiex veru li huma ggarantew *in solidum* mas-socjeta’ Marimina Company Limited il-kreditu reklamat mill-bank attur, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Inoltre l-ammont pretiz mhuwiex korrett,

3. Illi inoltre d-debitu tas-socjeta’ Marimina Company Limited mal-bank attur kien garantit ukoll b’polza ta’ assigurazzjoni mal-Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Ltd. fuq il-hajja ta’ Ehab Farouk Eskander li miet fl-4 ta’ Lulju 1997. Ghalhekk il-bank attur ghandu fl-ewwel lok jezigi l-hlas ta’ kwalunkwe bilanc dovut taht l-istess polza.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fis-27 ta’ Marzu, 2000 li permezz taghha l-konvenuti kuraturi deputati eccepixxew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tal-provi mressqa quddiem l-Assistenti Gudizzjarju.

Rat in nota ta’ riduzzjoni a Fol 48 tal-process.

Rat in-nota ta’ cessjoni fir-rigward tal-konvenuti Eskander *proprio et nomine* u r-rederi ta’ Maria Theresa Debono.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Novembru, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-bank attur avvanza l-flus in kwistjoni. Wara n-nota ta’ cessjoni fuq imsemmija, l-unika eccezzjoni li trid tigi deciza hija t-tielet wahda fejn is-socjeta’ konvenuta qed tghid li l-atturi ghandhom l-ewwel jesigu l-hlas taht polza tas-sigurta li li kienet tassigura l-hajja tal-konvenut Eskander. Biss ma tressqu ebda provi fir-rigward u l-probabilita’ hi li l-attur irriduca t-talba tieghu ghaliex kien sar hlas li jkopri parzjalment is-somma mitluba fic-citazzjoni proprju permezz ta’ din il-polza tal-assikurazzjoni. Ghalhekk it-talba attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta hija ppruvata ampjament.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Marimina Company Limited thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, tlett mija u hdax il-lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm6,311.95c) u imghax legali mill-1 ta’ Ottubru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv; fir-rigward tal-konvenuti l-ohra l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.**

**L-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali imsemmija fic-citazzjoni u l-mandati ta’ sekwestru u presentati mal-kawza jigu sopportati mis-socjeta’ konvenuta izda l-ispejjes tal-konvenuti l-ohra jigu sapportati mill-bank attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------